# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 128/92 JF**

**Avukat Dr Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Guillaumier Industries Ltd u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dr Joseph Zammit bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Guillaumier Industries Ltd, assuma fil-vesti ta' l-attur fil-kwalita' tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dr Robert Staines.**

**vs**

**Vivian Bianchi u Michael Bianchi bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' Bianchi & Sons Ltd agenti Malta ta' Deutche Nah-Osh Linien trasportatur tal-merkanzija de quo fuq il-vapur Katjana.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess li s-socjeta' Guillaumier Industries Ltd importat mill-Belgium Contanier shih ta' hgieg li wasal Malta fuq il-vapur Katjana kif jirrizulta mill-polza tal-Kariku (Dok A).

U premess li meta l-container gie skarikat u konsenjat lill-importatur irrizulta li l-"end caps" tal-pakkjar tal-hgieg kien imxarrab b'konsegwenza li l-hgieg li kien kulurit gratlu l-hsara kif gie deskritt fis-survey tal-Institute of London Underwriters (Dok B).

U premess li ghal din il-hsara s-socjeta' assikuratrici Guardian Royal Exchange Assurance plc, kif kienet obbligata, hallset lis-socjeta' mportatrici s-somma ta' tlett mija u sittin liri Maltin (Lm360) bhala kumpens u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat (Dok D).

U premess li t-trasportatur huwa responsabbli ghal din il-hsara.

TALAB ghalhekk li l-konvenuti nomine:

1. Jigu dikjarati responsabbli tal-hsara fuq indikata; u

2. Jigu kkundannati jhallsu l-attur nomine s-somma ta' Lm360 bl-interessi skond il-ligi; mid-data tal-pagament, in linja ta' danni sofferti mill-importatur u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-attur nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Vivian Bianchi u Michael Bianchi fil-kwalita' taghhom fuq premessa.

Jeccepixxu riverentement:

1. In linea preliminari l-azzjoni hija preskritta ghat-tenur tal-klawsola 5 (B) (4) tal-polza tal-kariku tal-merkanzija in kwistjoni (Dok G).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-preskrizzjoni ta' sena minn dak in-nhar li giet konsenjata l-merkanzija minn fuq il-vapur Katjana.

3. Illi fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat allegati.
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku relattiva.

5. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjoni in parte moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' April 1998 li biha giet respinta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tad-disa' xhur sollevata mill-konvenuti nomine u l-atti ntbaghtu lura quddiem din il-Qorti biex il-kawza titkompla skond il-ligi. Illi skond din l-istess sentenza, l-atti gew rimessi biex din il-Qorti, bla hsara tal-meritu, tinvestiga u tidderimi wkoll it-tieni eccezzjoni, igifieri l-preskrizzjoni ta' sena a bazi tal-Hague Rules.

Tirrileva li l-partijiet qablu li ghalissa tinghata decizjoni dwar din il-preskrizzjoni ta' sena.

Trattata din l-eccezzjoni.

Illi fuq l-iskorta ta' l-ahhar insenjament kif appuntu jittrapela mis-sentenza surreferita, u li ghamlet ukoll riferenza ghal decizjoni ohra dwar l-istess punt – ara decizjoni in re: John Galdes nomine –vs- James Gollcher et nomine; Citazz numru 714/92, deciza fis-7 ta' April 1998 – il-posizzjoni llum hija li:

i. klawsola li tistipula terminu aqsar minn sena hija invalida, billi din tinsab ipprojbita mill-para 8 tal-artikolu 3 tar-Regoli, jew ahjar tal-Hague Visby Rules; u

ii. li l-polza in kwistjoni giet emessa f' Antwerp li kien il-port minn fejn il-merkanzija, mertu tal-kawza, giet esportata. Billi l-Belgju kien wiehed mill-"contracting states" li accetta l-Hague Visby Rules (Protocol to amend the International Convention for the Unification of Certain Rules of Law Relating to Bills of Lading, Brussels, February 23, 1968, isegwi li dawn ir-Regoli huma pjenament applikabbli ghall-polza in kwistjoni, esebita a fol 6 tal-process.

Mill-provi jirrizulta l-vapur Katjana dahal fil-port ta' Malta fl-24 ta' Jannar 1991 u li l-merkanzija de quo giet skarikata u konsenjata f'idejn id-Direttur tal-Portijiet fis-27 ta' Jannar 1991. In segwitu, fit-30 ta' Jannar 1991, l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lill-importatur. Il-konvenut jissottometti li d-"dies a quo" ghandha tibda titqies mis-27 ta' Janar 1991 u dan "skond il-ligi u skond il-konswetudini tal-Port". Huwa jiccita lill-awtorevoli Tetley (ara Marine Cargo Claims) li skond il-konvenut "ifisser diversi interpretazzjonijiet validi tal-kelma" 'delivery' (ara fol 71 tal-process para 2). Billi l-kawza giet intavolata fit-28 ta' Jannar 1992, allura l-konvenut isostni li din hija preskritta.

L-attur nomine jikkontendi invece, hu wkoll fuq l-iskorta tat-Tetley li trid issir distinzjoni bejn 'discharge' u 'delivery' u li l-interpretazzjoni tal-art. 3 (6) tal-Hague Rules kif moghtija mill-konvenut mhux korretta u li skond it-Tetley, "The one year delay runs from delivery not discharge".

Huwa jiccita wkoll b'approvazzjoni d-decizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' Mejju 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Alfred Gatt – vs- James Gollcher" li hekk ukoll irriteniet (Citaz 526/85 CS).

Apparti l-konsiderazzjoni li d-dies a quo proprjament tibda titqies mit-28 ta' Jannar 1991, billi d-"dies a quo non computantur in termine", l-Qorti hija tal-fehma li t-tifsira korretta hija dik moghtija mill-attur nomine. Il-hatt tal-merkanzija huwa distint mill-konsenja, u meta l-merkanzija tinghata f'idejn l-awtoritajiet tal-port ghalkemm dan ukoll jikkomprendi fih 'delivery' pero' ghall-fini tar-relazzjoni ta' bejn it-trasportatur u l-"consignee" ghandu jitqies mill-mument li dan ta' l-ahhar jircievi l-merkanzija billi, kif jghallem it-Tetley;

> "The use of the word 'delivery' must therefore be considered as deliberate and as having a different meaning from 'discharge'. 'Delivery' would seem to mean the moment when the consignee named in the bill of lading receive the goods. This would normally mean upon delivery by the structure or terminal agent to the consignee or the consignee's agent".

Il-Qorti tosserva li l-istess Tetley jadopera termini kawti hafna ghaliex f'din il-materja ta' interpretazzjoni u f'kaz ta' 'non-delivery' jew xi negligenza da parti tal-'consignee' – li mhux il-kaz in ezami – il-parametri tat-tifsira jistghu jitwessghu. Pero' ghall-fini tal-eccezzjoni ta' sena, l-interpretazzjoni moghtija mill-attur nomine hija dik korretta.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi tirrespingi t-tieni eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sena sollevata mill-konvenuti nomine bl-ispejjez kontrihom u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu u ghalhekk tiddifferixxi l-kawza ghall-provi.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.